2024/1942

20.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1942

tal-5 ta' Lulju 2024

li jistabbilixxi proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-aċċess u l-ipproċessar tal-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2020/1056 jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija ("eFTI") f'konformità mal-proċeduri komuni u mar-regoli dettaljati, inkluż speċifikazzjonijiet u proċeduri tekniċi komuni għall-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja u għall-komunikazzjoni mal-operaturi ekonomiċi b'rabta ma' dik l-informazzjoni.

(2) Biex jiġu stabbiliti dawn il-proċeduri u r-regoli komuni, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/1056, il-Kummissjoni jenħtieġ li telenka l-komponenti ewlenin tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni ("ICT") tal-ambjent tal-iskambju tal-eFTI li jridu jipprovdu l-Istati Membri, u jenħtieġ li tagħti dettalji dwar l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tagħhom.

(3) Biex tkun żgurata l-flessibbiltà fl-applikazzjoni ta' dawn il-proċeduri komuni u r-regoli dettaljati, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu kif jorganizzaw il-forniment tal-komponenti tal-ICT, diment li dawk il-komponenti jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. B'mod aktar speċifiku, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu dawn bħala komponenti separati, jew integrati f'komponent wieħed jew f'diversi komponenti distinti li jwettqu l-funzjonalitajiet rispettivi. Jistgħu jistabbilixxu wkoll diversi komponenti li jwettqu l-istess sett ta' funzjonalitajiet.

(4) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jerġgħu jużaw il-komponenti eżistenti tal-ICT li diġà żviluppaw għal servizzi pubbliċi diġitali oħra, sa fejn dawn il-komponenti diġà jipprovdu jew jiġu aġġustati biex jipprovdu l-funzjonalitajiet meħtieġa f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet, inkluż ir-rekwiżiti tekniċi, meta applikabbli, stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu wkoll li jistabbilixxu, jiżviluppaw u jżommu wieħed jew aktar mill-komponenti tal-ICT previsti f'dan ir-Regolament flimkien ma' Stati Membri oħra.

(5) Kull Stat Membru jenħtieġ li jkun responsabbli biex jiżgura l-manutenzjoni u s-sigurtà tal-komponenti tal-ICT li jistabbilixxi jew li jkun responsabbli għalihom, inkluż biex jiżgura s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pproċessata f'dawk il-komponenti. Jekk diversi Stati Membri jiddeċiedu li jistabbilixxu u jimmaniġġaw b'mod konġunt xi wħud minn dawn il-komponenti, dawn jenħtieġ li jiżguraw li r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom jiġu stabbiliti fi ftehimiet jew memoranda ta' qbil xierqa.

(6) Skont ir-Regolament (UE) 2020/1056, il-komunikazzjoni kollha fl-ambjent tal-iskambju tal-eFTI għandha ssir b'konnessjonijiet siguri bejn partijiet identifikati u awtorizzati kif xieraq. Għalhekk, l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi komuni stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati għall-komunikazzjoni kollha li ssir fost il-parteċipanti fl-ambjent tal-iskambju tal-eFTI bil-komponenti tal-ICT, inkluż mal-pjattaformi tal-eFTI.

([1]) ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33.

(7) L-għadd ta' parteċipanti fl-ambjent tal-iskambju tal-eFTI mistenni jkun kbir, kemm fil-livell tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll fil-livell tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, li se jkunu liberi li jużaw il-pjattaformi tal-eFTI tal-għażla tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit u li jitħaddem għadd xieraq ta' konnessjonijiet siguri, awtentikati u awtorizzati bejn il-komponenti tal-ICT tal-ambjent tal-iskambju tal-eFTI. Biex jitnaqqsu l-kostijiet assoċjati ma' għadd daqshekk kbir ta' konnessjonijiet, uħud mill-komponenti tal-ICT tal-ambjent tal-iskambju tal-eFTI li jridu jistabbilixxu l-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw l-iskambju billi jwettqu funzjoni ta' gateway, filwaqt li jżommu livell għoli ta' sigurtà u konformità mal-awtorizzazzjonijiet applikabbli.

(8) Dawn il-gateways, jew "Gates tal-eFTI" jenħtieġ li jiffaċilitaw l-iskambju tal-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija bejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati u l-awtoritajiet kompetenti. Il-Gates tal-eFTI jenħtieġ li jiżguraw konnessjonijiet siguri u awtentikati għall-komponenti tal-ICT li jlaqqgħu l-aċċess ta' uffiċjali individwali fil-livell tal-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru speċifiku, min-naħa, mal-pjattaformi tal-eFTI li jżommu d-*data* li għaliha dawn l-uffiċjali jeħtieġ ikollhom aċċess, min-naħa l-oħra. Jenħtieġ li dawn ma jkunux jaħżnu jew jipproċessaw id-data tal-eFTI, għajr il-metadata konnessa mal-ipproċessar tad-*data* tal-eFTI bħal identifikaturi jew reġistri tal-operat, u biss għal skopijiet leġittimi bħar-routing, il-validazzjoni jew l-adattament tal-format u għal finijiet ta' monitoraġġ jew statistika.

(9) Barra minn hekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet involuti fl-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn il-pjattaformi tal-eFTI u Gate tal-eFTI, b'mod partikolari għall-operaturi ekonomiċi, iżda anki għall-awtoritajiet kompetenti, kif previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/1056, il-pjattaformi tal-eFTI jenħtieġ li jkunu meħtieġa jistabbilixxu u jħaddmu konnessjoni sigura u awtentikata ma' Gate tal-eFTI waħda biss. Dik il-Gate tal-eFTI mbagħad jenħtieġ li tiffaċilita l-konnessjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha fl-Istati Membri kollha, permezz ta' network ta' konnessjonijiet siguri u awtentikati bejn Gates tal-eFTI differenti.

(10) Fid-dawl tar-rekwiżit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2020/1056 li l-Istati Membri jżommu lista aġġornata tal-pjattaformi tal-eFTI li għandhom ċertifikazzjoni valida maħruġa minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditat fl-Istat Membru tagħhom, din il-konnessjoni unika ta' pjattaforma tal-eFTI man-network tal-Gates tal-eFTI jenħtieġ li tiġi stabbilita mal-Gate tal-eFTI tal-Istat Membru tal-ħruġ taċ-ċertifikazzjoni ta' dik il-pjattaforma. Dan jiffaċilita u jtaffi l-kostijiet tal-proċess ta' verifika tal-validità taċ-ċertifikazzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI, bħala parti mill-proċess biex ikunu żgurati s-sigurtà u l-awtentiċità tal-komunikazzjoni ma' pjattaforma tal-eFTI. Madankollu, biex jaħsbu għal meta ma jkun ġie akkreditat l-ebda korp tal-valutazzjoni tal-konformità biex jiċċertifika l-pjattaformi tal-eFTI fi Stat Membru, il-pjattaformi tal-eFTI jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu l-konnessjoni unika tagħhom mal-Gate tal-eFTI ta' dak l-Istat Membru, anke meta jkunu kisbu ċ-ċertifikazzjoni fi Stati Membri oħra.

(11) Biex ikun żgurat livell għoli ta' fiduċja fl-ambjent tal-iskambju tal-eFTI, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu responsabbli biex jiżguraw li l-aċċess kollu mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-ambjent tal-iskambju tal-eFTI jiġi identifikat, awtentikat u awtorizzat kif xieraq. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-aċċess u l-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti tad-*data* magħmula disponibbli mill-operaturi ekonomiċi fuq il-pjattaformi tal-eFTI jkunu permessi biss wara l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni kif xieraq tal-identità tal-uffiċjali responsabbli, kif ukoll l-awtorizzazzjoni xierqa abbażi tad-drittijiet tal-aċċess u tal-ipproċessar assenjati lill-uffiċjali, abbażi tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-UE u nazzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1056. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti kollha jistabbilixxu u jħaddmu reġistri li jżommu rekords aġġornati tad-drittijiet tal-aċċess u tal-ipproċessar ta' kull uffiċjal responsabbli, u li t-talbiet kollha għall-aċċess u l-ipproċessar tad-*data* tal-eFTI ikun fih referenzi għad-drittijiet tal-aċċess u tal-pproċessar tal-uffiċjal responsabbli għat-talba. Dawk id-drittijiet tal-aċċess u tal-ipproċessar jenħtieġ li jiġu espressi bħala referenzi kodifikati biex jonqos kemm jista' jkun it-trasferiment tad-*data* personali tal-uffiċjali, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jieħdu kull miżura meħtieġa, bħal ittestjar, taħriġ u awditjar, biex jiżguraw li l-uffiċjali tagħhom jaċċessaw u jipproċessaw id-*data* f'konformità mar-regoli applikabbli tal-UE u nazzjonali dwar il-privatezza tad-*data* u l-kunfidenzjalità kummerċjali.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(12) Ir-Regolament (UE) 2020/1056 jeżiġi li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jikkomunikaw il-"link uniku tal-identifikazzjoni elettronika" lill-awtoritajiet kompetenti għad-*data* tal-eFTI li tinqara mill-magni u li tikkorrispondi mal-informazzjoni regolatorja. Mil-lat proċedurali, din il-komunikazzjoni jenħtieġ li ssir b'żewġ modi, u l-komponenti tal-ICT li jridu jistabbilixxu l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jappoġġaw iż-żewġ proċeduri. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu xi waħda mill-proċeduri meta jitolbu l-aċċess għad-*data* tal-eFTI biex iwettqu kontrolli regolatorji tal-informazzjoni.

(13) L-ewwel nett, f'konformità mal-proċeduri attwali tal-kontroll tal-konformità bbażati fuq il-karta, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkomunikaw il-link uniku tal-identifikazzjoni elettronika direttament lill-awtorità kompetenti waqt il-kontrolli mwettqa fiżikament, jew waqt l-operazzjoni tat-trasport jew waqt il-kontrolli mwettqa fil-bini tal-operatur ekonomiku, meta d-dispożizzjonijiet tal-UE jew nazzjonali applikabbli jkunu jipprevedu l-possibbiltà ta' kontrolli wara t-tlestija tal-operazzjonijiet tat-trasport. Biex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti, il-link uniku tal-identifikazzjoni elettronika jenħtieġ li jiġi kkomunikat b'format li jinqara mill-magni bħal barcode jew kodiċi QR, li jidher fuq l-iskrin ta' apparat elettroniku tal-idejn bħal mobile jew tablet, jew jiġi stampat fuq karta. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw li, waqt il-kontrolli fiżiċi tal-operazzjonijiet tat-trasport li jkunu qed isiru, l-operatur ekonomiku jkun jista', b'mod eċċezzjonali, jikkomunika l-link uniku tal-identifikazzjoni elettronika bl-email jew b'applikazzjoni oħra tal-messaġġi elettroniċi, meta l-link ma jkunx jista' jintwera direttament mill-operatur fuq l-iskrin jew fuq il-karta. Għall-kontrolli mwettqa fil-bini tal-operaturi ekonomiċi, meta l-għadd tal-operazzjonijiet tat-trasport li jridu jiġu spezzjonati jkun sostanzjalment akbar, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu li jirċievu l-links uniċi tal-identifikazzjoni elettronika bl-email jew b'applikazzjoni oħra tal-messaġġi elettroniċi, biex jiġi ffaċilitat u ottimizzat l-ipproċessar ta' dawn il-links. L-għażla ta' dawn il-mezzi tal-komunikazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tibqa' f'idejn l-awtoritajiet kompetenti rispettivi.

(14) It-tieni, u aktar kompatibbli mal-proċessi futuri li qed isiru dejjem aktar awtomatizzati, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jikkomunikaw il-link uniku tal-identifikazzjoni elettronika billi jippubblikawh f'repożitorju elettroniku, jew f'reġistru, flimkien ma' ċerti identifikaturi, bħall-identifikazzjoni unika tal-mezz tat-trasport, derivati mis-sett tad-*data* tal-eFTI assoċjat mal-link uniku tal-identifikazzjoni elettronika. L-awtoritajiet kompetenti mbagħad ikun jistgħu jiksbu dak il-link mir-reġistru billi jitolbuh abbażi ta' dawk l-identifikaturi. B'hekk, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw l-informazzjoni dwar il-merkanzija li tkun qed tinġarr fuq trakk, ferrovija jew barkun mingħajr ma jwaqqfu jew jirkbu fiżikament fuq il-mezz tat-trasport u, meta rilevanti, japplikaw miżuri ta' segwitu f'konformità mal-liġi nazzjonali. B'dan il-mod, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu wkoll jiksbu l-informazzjoni b'mod aktar faċli jew affidabbli dwar diversi operazzjonijiet tat-trasport imwettqa b'mezz partikolari tat-trasport, f'perjodu taż-żmien partikolari, bħal fil-każ tal-kontrolli tal-kabotaġġ bit-triq, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(15) Biex ikunu żgurati l-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-iskambju tal-informazzjoni bejn il-Gates tal-eFTI stabbiliti mill-Istati Membri differenti, u bejn il-Gates tal-eFTI u l-pjattaformi tal-eFTI, jenħtieġ li fl-ambjent tal-eFTI jintuża sett ta' standards u speċifikazzjonijiet armonizzati għall-iskambju tal-messaġġi, inkluż il-konfigurazzjoni ta' ftehimiet tal-iskambju tal-messaġġi, proċessi kummerċjali, formati tad-*data*, identifikaturi u ċertifikati tas-sigurtà. L-Istati Membri jenħtieġ li jiftiehmu wkoll fuq proċeduri siguri għall-iskambju taċ-ċertifikati tas-sigurtà, bħal permezz ta' sistema mibnija apposta jew protokoll sigur għat-trasferiment tal-fajls.

(16) Biex jitnaqqsu l-kostijiet u l-ħin biex jiġu stabbiliti l-Gates tal-eFTI u l-komponenti l-oħra tal-ICT, l-Istati Membri jenħtieġ li, kemm jista' jkun possibbli, jistrieħu fuq standards miftuħa li jħaddmu organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali, u fuq soluzzjonijiet riużabbli. Għall-formati tal-iskambju tal-messaġġi, l-aktar standards miftuħa li jintużaw b'mod mifrux u li huma aċċettati fil-livell internazzjonali huma l-XML u l-JSON. Filwaqt li l-JSON hu format aktar riċenti u, f'ċerti aspetti, aktar sempliċi biex jiġi implimentat, l-XML hu l-aktar format komuni użat mis-sistemi tal-ICT tal-awtoritajiet kompetenti f'ħafna mill-Istati Membri. Għalhekk, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jerġgħu jużaw is-soluzzjonijiet eżistenti, u b'hekk inaqqsu l-kostijiet inizjali tal-implimentazzjoni tagħhom, kull komunikazzjoni bejn il-Gates tal-eFTI u bejn il-Gates tal-eFTI u l-pjattaformi tal-eFTI jenħtieġ li ssir b'format uniku tal-iskambju tal-messaġġi, bl-XML. Bl-istess mod, l-istandards għall-iskambji tal-messaġġi siguri mħaddma mill-Kummissjoni bħala parti mill-pilastri diġitali tal-eDelivery ([4]), u b'mod partikolari l-profil AS4 tal-eDelivery, jipprovdu soluzzjoni teknika kosteffiċjenti li l-Istati Membri diġà għandhom esperjenza bl-implimentazzjoni tagħha.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

([4]) https://ec.europa.eu/digital-building-blocks/wikis/display/DIGITAL/eDelivery.

(17) Fl-istess ħin, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jerġgħu jużaw l-istandards u s-soluzzjonijiet tal-iskambju tal-messaġġi li diġà jintużaw għal servizzi pubbliċi diġitali oħra għall-komunikazzjoni bejn il-Gate tal-eFTI u l-pjattaformi tal-eFTI stabbiliti f'dak l-Istat Membru, apparti l-eDelivery. Ir-rekwiżiti u l-istandards dettaljati li fuqhom jissejsu dawk is-soluzzjonijiet jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku biex ikunu jistgħu jiġu implimentati mill-iżviluppaturi interessati tal-pjattaformi tal-eFTI, u biex il-korpi akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità jkunu jistgħu jivvalutaw il-konformità tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet.

(18) Bl-istess mod, biex l-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jużaw il-komponenti tal-ICT li jsawru l-punt tal-aċċess, jew il-"punti tal-aċċess tal-awtorità", għall-ambjent tal-eFTI, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw soluzzjonijiet elettroniċi eżistenti li jiżguraw l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni tal-identità tal-uffiċjali meta jaċċessaw servizzi pubbliċi diġitali nazzjonali oħra li jagħtu aċċess għal *data* personali jew kummerċjali ta' partijiet terzi. Dawn is-soluzzjonijiet jenħtieġ li jistrieħu, meta disponibbli, fuq il-mezz tal-identifikazzjoni elettronika stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(19) F'dan l-istess spirtu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jerġgħu jużaw kwalunkwe komponent eżistenti ieħor tas-sistemi tal-ICT tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jwettqu funzjonijiet simili għal dawk speċifikati f'dan ir-Regolament, bħar-reġistri tal-awtorizzazzjoni, diment li jiġu adattati f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(20) Biex l-uffiċjali tal-awtorità kompetenti jkunu jistgħu jużaw faċilment l-ambjent tal-iskambju tal-eFTI u biex teħfief l-analiżi tagħhom tad-*data* tal-eFTI pprovduta mill-operaturi ekonomiċi fuq pjattaforma tal-eFTI, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jfasslu l-applikazzjoni tal-utenti u l-interfaċċa grafika tal-utent tagħha skont il-ħtiġijiet tal-uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jintroduċu wkoll funzjonalitajiet addizzjonali bl-appoġġ tal-applikazzjonijiet tal-utenti, bħall-użu ta' algoritmi intelliġenti li jistgħu jipproċessaw minn qabel id-*data* tal-eFTI, filwaqt li jikkombinaw ukoll informazzjoni minn sorsi elettroniċi oħra, jekk ikunu jixtiequ dan.

(21) Għal funzjonament kontinwu u bla skossi tal-ambjent tal-eFTI, kull kwistjoni operazzjonali relatata mal-komponenti tal-ICT stabbiliti mill-Istati Membri jeħtieġ li tissolva malajr. Biex jgħinu ħalli dan ikun żgurat, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jistabbilixxu network ta' appoġġ tekniku, li jikkonsisti minn helpdesks apposta fil-livell nazzjonali u, rispettivament, fil-livell tal-Unjoni. Dan in-network jenħtieġ li jistabbilixxi proċeduri ċari tal-komunikazzjoni u jiżgura perjodi minimi sinkronizzati ta' disponibbiltà biex ikun hemm reazzjoni malajr għal kull inċident possibbli jew qtugħ li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tal-ambjent tal-iskambju tal-eFTI. Dawk il-punti tal-kuntatt għall-appoġġ tekniku jenħtieġ li jkollhom is-setgħat u riżorsi umani u finanzjarji biżżejjed biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom. Abbażi ta' rapporti tal-attività, il-helpdesks jistgħu jippubblikaw informazzjoni aggregata fuq dashboards tal-helpdesks apposta. Il-perjodi minimi tad-disponibbiltà komuni tal-helpdesks jenħtieġ li jiġu riveduti perjodikament, biex tkun tista' tiġi aġġustata l-attività tagħhom u biex ir-riżorsi jiġu allokati b'mod effiċjenti.

(22) Il-komponenti tal-ICT li jridu jistabbilixxu l-Istati Membri se jaħdmu bħala komponenti integrali tal-ambjent usa' għall-iskambju tal-eFTI. Dan ifisser li l-istabbiliment u t-tħaddim ta' dawn il-komponenti jenħtieġ li jistrieħu fuq sforzi kkoordinati, skont interpretazzjoni armonizzata tal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li joħolqu wkoll network ta' appoġġ operazzjonali, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, fil-forma ta' grupp dedikat ta' esperti. Biex juża l-għarfien espert u l-esperjenza żviluppati fil-Forum dwar it-Trasport u l-Loġistika Diġitali (DTLF), jiġifieri l-grupp ta' esperti stabbilit mill-Kummissjoni ([6]) biex jassisti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tal-programmi tal-Unjoni maħsuba biex jiddiġitalizzaw is-settur tat-trasport u tal-loġistika, dak il-grupp ta' esperti jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala sottogrupp tad-DTLF.

(23) Biex jiġu ffaċilitati l-isforzi tal-implimentazzjoni tal-Istati Membri u tkun żgurata implimentazzjoni uniformi ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet, hu previst li dan ir-Regolament jiġi kkumplimentat b'dokumenti ta' appoġġ tekniku aktar dettaljati u mhux vinkolanti mfassla mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri f'dan il-grupp dedikat ta' esperti.

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 5921 tat-13 ta' Settembru 2018 li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti dwar it-trasport u l-loġistika diġitali tal-merkanzija: il-Forum dwar it-Trasport u l-Loġistika Diġitali (DTLF).

(24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Trasport Diġitali u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ambjent tal-iskambju tal-eFTI" tfisser il-komponenti kollha tal-ICT użati għall-iskambju tad-*data* f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056 u mal-atti ta' implimentazzjoni u delegati adottati skont dak ir-Regolament;

(2) "komponent tal-ICT" tfisser unità materjali (hardware) jew immaterjali (software) jew sett ta' unitajiet bħal dawn użati biex jitwettqu funzjonalitajiet speċifiċi biex tkun tista' ssir komunikazzjoni elettronika tad-*data*;

(3) "uffiċjal tal-awtorità kompetenti" tfisser persuna fiżika intitolata li taċċessa u tipproċessa r-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056, f'isem awtorità kompetenti fi Stat Membru;

(4) "*data* tal-eFTI" tfisser *data* li tikkorrispondi għal informazzjoni regolatorja, meta ssir disponibbli mill-operaturi ekonomiċi fuq pjattaforma tal-eFTI f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056;

(5) "talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI" tfisser talba f'isem awtorità kompetenti biex tirċievi d-*data* tal-eFTI magħmula disponibbli mill-operaturi ekonomiċi fuq pjattaforma tal-eFTI;

(6) "komunikazzjoni ta' segwitu" tfisser komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi kkonċernati dwar l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi fuq pjattaforma tal-eFTI, wara kontroll tal-konformità minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti ta' dik l-informazzjoni kif ipprovduta bħala tweġiba għal talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI. Din il-komunikazzjoni ta' segwitu tista' tikkonsisti minn talba għal *data* tal-eFTI nieqsa, jew informazzjoni rigward azzjoni ta' segwitu li tkun ħadet l-awtorità kompetenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli;

(7) "drittijiet tal-aċċess" tfisser il-permessi mogħtija lil uffiċjal ta' awtorità kompetenti biex iwettaq operazzjonijiet fir-rigward ta' subsett wieħed jew aktar tad-*data* tal-eFTI;

(8) "drittijiet tal-ipproċessar" tfisser l-operazzjonijiet jew is-settijiet ta' operazzjonijiet li uffiċjal ta' awtorità kompetenti jista' jwettaq fuq subsett speċifiku tad-*data* tal-eFTI li jirċievi bħala tweġiba għal talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI;

(9) "mezz tal-identifikazzjoni elettronika" tfisser unità materjali jew immaterjali, li jkun fiha *data* tal-identifikazzjoni ta' persuna, u li tintuża għall-awtentikazzjoni ta' servizz online;

(10) "referenzi tal-identifikazzjoni" tfisser numru tal-identifikazzjoni personali jew referenza kodifikata li tippermetti l-identifikazzjoni unika ta' uffiċjal tal-awtorità kompetenti;

(11) "Punt tal-Aċċess tal-Awtorità (AAP)" tfisser komponent tal-ICT jew sett ta' komponenti tal-ICT li jwettqu l-funzjonalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 4;

(12) "Gate tal-eFTI" tfisser komponent tal-ICT jew sett ta' komponenti tal-ICT li jwettqu l-funzjonalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 6;

(13) "Gate rikjedenti" tfisser Gate tal-eFTI li tipproċessa talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI li ssir b'AAP konnessa ma' dik il-Gate tal-eFTI jew integrata ġo fiha;

(14) "Gate riċeventi" tfisser Gate tal-eFTI li tipproċessa talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI riċevuta mingħand Gate rikjedenti;

(15) “eDelivery” tfisser sett ta’ speċifikazzjonijiet tekniċi u standards għall-iskambju elettroniku tal-messaġġi żviluppati mill-Kummissjoni bil-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ([7]) u li ssoktaw bil-programm Ewropa Diġitali ([8]);

(16) “Punt tal-Aċċess għall-eDelivery” tfisser komponent tal-komunikazzjoni li jkun parti mis-servizz tat-twassil elettroniku tal-eDelivery ibbażat fuq speċifikazzjonijiet u standards tekniċi;

(17) “skoperta statika” tfisser mekkaniżmu għal Punt tal-Aċċess għall-eDelivery biex jinkisbu d-dettalji tal-konnessjoni ta’ Punt tal-Aċċess għall-eDelivery ieħor mingħajr rikors għal sistemi ta’ partijiet terzi;

(18) “skoperta dinamika” tfisser mekkaniżmu għal Punt tal-Aċċess għall-eDelivery biex jinkisbu d-dettalji tal-konnessjoni ta’ Punt tal-Aċċess għall-eDelivery ieħor b’tiftix ta’ dawn id-dettalji f’sistema ta’ parti terza;

(19) “kjavi tas-sigurtà” tfisser pari ta’ kjavi kriptografiċi pubbliċi u privati, iġġenerati b’algoritmi kriptografiċi fil-forma ta’ numri kbar ħafna li jkollhom relazzjoni unika bejniethom;

(20) “ċertifikat tas-sigurtà” tfisser dokument diġitali maħruġ minn awtorità taċ-ċertifikati li jintuża biex jiġi stabbilit mezz sigur tal-komunikazzjoni elettronika bejn żewġ partijiet; dan jinkludi l-kjavi tas-sigurtà pubblika u informazzjoni dwar is-suġġett taċ-ċertifikat;

(21) “awtorità taċ-ċertifikati” tfisser entità li timmaniġġa ċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċertifikati diġitali, li tista’ tinkludi proċessi tar-reġistrazzjoni u proċessi għall-ħruġ, għat-twassil, għall-attivazzjoni, għas-sospensjoni, għar-revoka, għat-tiġdid jew għar-riattivazzjoni taċ-ċertifikati tas-sigurtà;

(22) “applikazzjoni tal-utenti” tfisser komponent tal-ICT li jwettaq il-funzjonalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 7;

(23) “dokumenti ta’ gwida teknika” tfisser sett ta’ dokumenti tekniċi dettaljati u mhux vinkolanti, imfassal mill-Kummissjoni b’kooperazzjoni mal-Istati Membri fil-qafas tal-grupp ta’ ħidma msemmi fl-Artikolu 13.

Artikolu 2

Miżuri komuni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom aċċess għas-sistemi tal-ICT li jistgħu jipproċessaw il-links uniċi tal-identifikazzjoni elettronika (UIL) mibgħuta mill-operaturi ekonomiċi skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2020/1056, u li jippermettu lill-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom jaċċessaw u jipproċessaw id-*data* tal-eFTI f’waħda mill-proċeduri li ġejjin:

(a) bl-ipproċessar dirett tal-UIL, meta jintbagħat mill-operatur ekonomiku b’format li jista’ jinqara mill-magni billi jintwera fuq l-iskrin ta’ apparat elettroniku jew jiġi stampat fuq oġġett fiżiku bħall-karta jew, meta l-awtorità kompetenti tagħżel li tippermetti din il-komunikazzjoni, anki billi jintbagħat bl-email jew b’xi applikazzjoni oħra tal-messaġġi elettroniċi;

(b) billi qabelxejn jinkiseb il-UIL, kif mibgħut mill-operaturi ekonomiċi billi jiġi ppubblikat fuq reġistru apposta, permezz ta’ identifikatur uniku assoċjat ma’ operazzjoni tat-trasport.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi tal-ICT imsemmija fil-paragrafu 1 jipprovdu mill-inqas il-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) identifikazzjoni awtentikata kif xieraq u awtorizzazzjoni xierqa tal-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti, kull darba li uffiċjal jippreżenta talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI;

(b) medjazzjoni tat-talbiet tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI imdaħħla mill-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-kisba tal-informazzjoni mitluba mill-pjattaforma(i) xierqa tal-eFTI, permezz ta’ konnessjonijiet siguri ma’ dawk il-pjattaformi.

([7]) https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/activities/cef-digital.
([8]) https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/activities/digital-programme.

3. Biex jimplimentaw il-funzjonalitajiet elenkati fil-paragrafu 2, dawk is-sistemi tal-ICT għandhom jinkludu mill-inqas il-komponenti li ġejjin:

(a) punti tal-aċċess tal-awtorità (AAP);

(b) reġistru tal-awtorizzazzjoni;

(c) Gates tal-EFTI;

(d) mekkaniżmu tat-tiftix;

(e) applikazzjoni tal-utenti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komponenti elenkati fil-paragrafu 3 ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-istabbiliment, għall-ospitar, għall-iżvilupp, għad-disponibbiltà, għall-monitoraġġ, għall-aġġornament u għall-manutenzjoni ta' dawk il-komponenti u għas-sigurtà tal-informazzjoni pproċessata f'dawk il-komponenti. Meta żewġ Stati Membri jew aktar jistabbilixxu jew jiżviluppaw wieħed jew aktar minn dawk il-komponenti b'mod konġunt, dawn għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-istabbiliment, għall-ospitar, għall-iżvilupp, għad-disponibbiltà, għall-monitoraġġ, għall-aġġornament u għall-manutenzjoni tagħhom.

5. L-Istati Membri jibqgħu responsabbli biex jiżguraw li l-aċċess u l-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti tad-*data* tal-eFTI jsiru biss għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mad-dispożizzjonijiet legali tal-UE u nazzjonali applikabbli, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-UE u nazzjonali applikabbli li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' dawk il-kontrolli tal-konformità, u r-regoli dwar ir-rispett tal-privatezza tad-*data* personali u l-kunfidenzjalità tad-*data* kummerċjali.

Artikolu 3

Talbiet tal-aċċess għad-*data*, tweġibiet u komunikazzjoni ta' segwitu tal-eFTI

1. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti għandhom idaħħlu t-talbiet kollha tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI tramite l-komponent tal-AAP deskritt fl-Artikolu 4, permezz tal-applikazzjoni tal-utenti deskritta fl-Artikolu 7.

2. Talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-UIL tad-*data* tal-eFTI li għaliha jintalab aċċess, jew identifikatur wieħed jew aktar li jippermettu l-kisba ta' dak il-UIL mir-reġistru tal-identifikaturi deskritt fl-Artikolu 11. Din l-informazzjoni għandu jagħtiha l-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-talba;

(b) ir-referenzi għad-drittijiet tal-aċċess tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-preżentazzjoni tat-talba, kif irreġistrati fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni deskritt fl-Artikolu 5. Din l-informazzjoni għandha tiżdied awtomatikament mill-applikazzjoni tal-utenti;

(c) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba, kif maħruġ mill-AAP. Din l-informazzjoni għandha tiżdied awtomatikament mill-applikazzjoni tal-utenti.

3. It-tweġibiet għal talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI jistgħu jsiru b'waħda mill-forom li ġejjin:

(a) *data* tal-eFTI, kif mibgħuta minn pjattaforma tal-eFTI abbażi tal-informazzjoni f'talba, u l-metadata jew l-identifikaturi tal-iskambju tal-messaġġi assoċjati, meħtieġa biex il-Gates tal-eFTI riċeventi jew il-punti tal-aċċess tal-awtorità jkunu jistgħu jimmeppjaw id-*data* tal-eFTI għat-talba rispettiva;

(b) messaġġi ta' errur, li jkun fihom speċifikazzjoni testwali kodifikata jew qasira tat-tip ta' errur meta Gate tal-eFTI jew pjattaforma tal-eFTI ma tkunx tista' tipprovdi d-*data* tal-eFTI mitluba minħabba raġunijiet ta' proċessi tekniċi jew kummerċjali;

(c) messaġġ li jindika li ma hemm l-ebda *data* disponibbli, li trid toħorġu Gate tal-eFTI riċeventi meta tipproċessa talba li jkun fiha identifikaturi, u meta l-mekkaniżmu tat-tiftix tal-Gate ma jiskopri l-ebda UIL attiv marbut ma' dawk l-identifikaturi fir-reġistru tal-identifikaturi tiegħu;

(d) messaġġ ta' "l-ebda tweġiba", mibgħut minn Gate tal-eFTI jew pjattaforma tal-eFTI meta dik il-Gate jew il-pjattaforma tal-eFTI tkun ikkonfermat li rċeviet it-talba iżda ma tkunx baġħtet messaġġ bid-*data* tal-eFTI mitluba fi żmien 60 sekonda mill-konferma tal-wasla.

4. Meta l-uffiċjal tal-awtorità kompetenti jistabbilixxi li l-informazzjoni pprovduta minn operatur ekonomiku fuq pjattaforma tal-eFTI, u kif miksuba bħala tweġiba għal talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI, ma tkunx sħiħa jew b'xi modi oħra ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja li skonthom tkun saret it-talba, l-uffiċjal jista' jikkomunika dawk is-sejbiet lill-operatur ekonomiku billi jippreżenta komunikazzjoni ta' segwitu speċifika għal dik l-informazzjoni. Kull komunikazzjoni ta' segwitu bħal din għandha tkun konformi mar-rekwiżiti legali nazzjonali applikabbli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu għall-kontrolli regolatorji tal-konformità.

5. Meta ddaħħal komunikazzjoni ta' segwitu speċifika kif imsemmi fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti għandha tibgħatha wkoll tramite l-komponent AAP, permezz tal-applikazzjoni tal-utenti. Din għandu jkun fiha:

(a) l-informazzjoni li trid tikkomunika l-awtorità kompetenti lill-operatur ekonomiku, b'format ta' test liberu, jew bħala dokument mehmuż;

(b) il-UIL tad-*data* tal-eFTI u n-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba tal-aċċess għad-*data* li għaliha tiġi ppreżentata l-komunikazzjoni ta' segwitu.

KAPITOLU II

KOMPONENTI FUNZJONALI

Artikolu 4

Punti tal-Aċċess tal-Awtorità

1. Il-komponenti tal-AAP għandhom jippermettu l-aċċess tal-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti għall-ambjent tal-iskambju tal-eFTI u għandhom jikkostitwixxu l-punt uniku tal-aċċess ta' uffiċjal għal dak l-ambjent.

2. AAP għandu jwettaq il-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) jawtentika l-identità tal-uffiċjali tal-awtorità kompetenti, jew jiżgura l-awtentikazzjoni tal-identità tal-uffiċjali tal-awtorità kompetenti;

(b) jawtorizza t-talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI tal-uffiċjali tal-awtorità kompetenti, abbażi tad-drittijiet tal-aċċess rispettivi tagħhom maħżuna fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni, jew jirrifjuta t-talba jekk l-uffiċjal tal-awtorità kompetenti ma jkollu rreġistrat l-ebda dritt tal-aċċess attiv;

(c) jirreġistra t-talbiet awtorizzati tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI billi joħroġ numru uniku tal-identifikazzjoni għal kull talba bħal din, u jirreġistra mqar l-informazzjoni li ġejja għal kull talba:

  (i) referenzi tal-identifikazzjoni tal-uffiċjal responsabbli għall-preżentazzjoni tat-talba;

  (ii) il-UIL tad-*data* tal-eFTI li għaliha jintalab aċċess, jew l-identifikatur(i) pprovduti mill-uffiċjal meta tiddaħħal it-talba;

  (iii) ir-referenzi għad-drittijiet tal-aċċess tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-preżentazzjoni tat-talba, kif irreġistrati fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni;

  (iv) id-data u l-ħin meta tiddaħħal it-talba;

(d) jibgħat it-talbiet awtorizzati tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI lill-Gate tal-eFTI għall-ipproċessar, billi jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

  (i) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba;

  (ii) il-UIL tad-*data* tal-eFTI li għaliha jintalab aċċess, jew l-identifikatur(i) pprovduti mill-uffiċjal meta tiddaħħal it-talba;

  (iii) ir-referenzi għad-drittijiet tal-ipproċessar tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-preżentazzjoni tat-talba, kif irreġistrati fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni;

(e) jirċievi t-tweġibiet għat-talbiet trażmessi mill-Gate tal-eFTI u jagħmel dawn it-tweġibiet disponibbli għall-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għal dik it-talba permezz tal-applikazzjoni tal-utenti;

(f) iżomm rendikont tal-awditjar tat-tweġibiet riċevuti għal kull talba billi jirreġistra mqar l-informazzjoni li ġejja:

(i) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba li għaliha tkun waslet it-tweġiba;

(ii) id-data u l-ħin meta l-AAP ikun irċieva t-tweġiba;

(iii) id-data u l-ħin meta t-tweġiba tintbagħat mill-AAP lill-uffiċjal responsabbli għat-talba rispettiva;

(g) iżomm arkivju tat-talbiet tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI u tar-reġistru tat-tweġibiet riċevuti għal perjodu ta' sentejn jew, meta xi dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli dwar id-disponibbiltà tal-evidenza għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet li għalihom ikun meħtieġ aċċess għad-*data* tal-eFTI, ikunu jipprevedu perjodu itwal, għal dak il-perjodu taż-żmien;

(h) meta tiddaħħal komunikazzjoni ta' segwitu f'konformità mal-Artikolu 3(4), jirreġistra l-komunikazzjoni ta' segwitu billi joħroġ numru uniku tal-identifikazzjoni għall-komunikazzjoni ta' segwitu u jirreġistra mqar l-informazzjoni li ġejja għal dik il-komunikazzjoni ta' segwitu:

(i) referenzi tal-identifikazzjoni tal-uffiċjal responsabbli għall-preżentazzjoni tal-komunikazzjoni ta' segwitu;

(ii) il-UIL tad-*data* tal-eFTI u n-numru tal-identifikazzjoni uniku tat-talba tal-aċċess għal dik id-*data* li għaliha ġiet ippreżentata l-komunikazzjoni ta' segwitu;

(iii) id-data u l-ħin meta tiddaħħal il-komunikazzjoni ta' segwitu;

(iv) il-kontenut tal-komunikazzjoni ta' segwitu;

(i) jibgħat il-komunikazzjonijiet ta' segwitu lill-Gate tal-eFTI għall-ipproċessar, billi jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(i) il-UIL tad-*data* tal-eFTI u n-numru tal-identifikazzjoni uniku tat-talba tal-aċċess għal dik id-*data* li għaliha ġiet ippreżentata l-komunikazzjoni ta' segwitu;

(ii) il-kontenut tal-komunikazzjoni ta' segwitu.

3. biex jipprovdi l-funzjonalitajiet stabbiliti fil-paragrafu 2, AAP għandu:

(a) juża mezzi xierqa tal-identifikazzjoni elettronika li jippermettu identifikazzjoni u awtentikazzjoni affidabbli tal-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti, jew li jippermettu konferma li l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni ta' dawk l-uffiċjali jkunu żgurati b'komponent xieraq ieħor tal-ICT;

(b) juża reġistru tal-awtorizzazzjoni;

(c) jistabbilixxi u jżomm konnessjoni sigura ma' Gate tal-eFTI;

(d) jappoġġa konnessjoni sigura mal-applikazzjoni tal-utenti.

4. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-AAPs, barra mill-Gate tal-eFTI bħala parti mis-sistemi eżistenti tal-ICT tal-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom, jew inkella b'mod integrat fil-Gate tal-eFTI rispettiva tagħhom.

Artikolu 5

Reġistru tal-awtorizzazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tagħhom li jaċċessaw u jipproċessaw id-*data* tal-eFTI jiġu rreġistrati u jinżammu aġġornati f'reġistru tal-awtorizzazzjoni. Ir-reġistru tal-awtorizzazzjoni għandu jinkludi, għal kull uffiċjal tal-awtorità kompetenti, imqar dan li ġej:

(a) referenzi uniċi tal-identifikazzjoni tal-uffiċjal;

(b) id-drittijiet tal-aċċess tal-uffiċjal rispettiv, espressi bħala l-lista ta' referenzi tal-atti legali tal-Unjoni u nazzjonali li jeżiġu l-għoti ta' informazzjoni regolatorja, li fihom l-uffiċjal rispettiv għandu kompetenzi u, b'mod aktar speċifiku, bħala l-lista tal-identifikaturi rispettivi tas-subsettijiet tad-*data* tal-eFTI li jikkorrispondu għal dawk id-dispożizzjonijiet, kif stabbilit fit-Taqsimiet 3 u 4 tal-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2024 ([9]);

(c) id-drittijiet tal-ipproċessar tal-uffiċjal rispettiv, espressi bħala referenzi kodifikati għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar li l-uffiċjal għandu d-dritt li jwettaq fuq kull wieħed mis-subsettijiet tad-*data* rispettivi tal-eFTI, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali li tiddetermina l-kompetenzi ta' dak l-uffiċjal;

(d) reġistru tal-bidliet fid-drittijiet tal-aċċess u tal-ipproċessar ta' dak l-uffiċjal.

Artikolu 6

Gates tal-eFTI

1. Il-Gates tal-eFTI għandhom jiżguraw, direttament jew permezz ta' konnessjoni ma' Gates tal-eFTI oħrajn, li:

(a) it-talbiet awtorizzati tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI jiġu trażmessi lill-pjattaforma tal-eFTI u jkun fihom l-informazzjoni speċifika mitluba;

(b) għal kull talba bħal din, it-tweġiba li tasal mingħand il-pjattaforma tal-eFTI rispettiva tiġi trażmessa lill-applikazzjoni tal-utenti tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għal dik it-talba, direttament jew tramite AAP, kif applikabbli; u,

(c) meta tiddaħħal, il-komunikazzjoni ta' segwitu għal dik it-talba tintbagħat lill-pjattaforma tal-eFTI li jkun fiha d-*data* tal-eFTI li għaliha tkun saret it-talba u ngħatat it-tweġiba.

2. Gate tal-eFTI għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) tivvalida t-talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI u, meta ssir, il-komunikazzjoni ta' segwitu, b'xi wieħed mill-modi li ġejjin:

(i) meta taġixxi bħala "Gate rikjedenti", meta l-AAP ikun stabbilit bħala komponent separat barra mill-Gate tal-eFTI, billi tivverifika l-kjavi tas-sigurtà tal-AAP li permezz tagħha tkun ġiet ippreżentata t-talba jew il-komunikazzjoni ta' segwitu;

(ii) meta taġixxi bħala "Gate riċeventi", billi tivverifika l-kjavi tas-sigurtà tal-Gate tal-eFTI li mingħandha tkun irċeviet it-talba jew il-komunikazzjoni ta' segwitu;

(iii) meta l-validazzjoni tal-kjavi tas-sigurtà tal-Gate tal-eFTI rispettiva ma tirnexxix, billi tibgħat messaġġ ta' errur lill-"Gate rikjedenti", lill-AAP jew lill-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-talba jew għall-komunikazzjoni ta' segwitu, kif xieraq;

(b) tipproċessa t-talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI u, meta ssir, il-komunikazzjoni ta' segwitu, bil-mekkaniżmu tat-tiftix f'konformità mal-Artikolu 8 u, abbażi ta' dik, tibgħat it-talba jew il-komunikazzjoni ta' segwitu, kif applikabbli:

(i) għall-pjattaforma xierqa tal-eFTI jew għall-Gate(s) tal-eFTI, meta taġixxi bħala "Gate rikjedenti";

(ii) għall-pjattaforma xierqa tal-eFTI, meta taġixxi bħala "Gate riċeventi";

(c) iżżomm rekord tal-awditjar tat-talbiet kollha tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI jew il-komunikazzjonijiet ta' segwitu li tkun ipproċessat, billi tirreġistra mqar l-informazzjoni li ġejja:

(i) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI jew tal-komunikazzjoni ta' segwitu;

(ii) l-identifikatur tal-AAP jew tal-"Gate tal-eFTI rikjedenti" li mingħandha tkun irċeviet dik it-talba jew komunikazzjoni ta' segwitu;

(iii) id-data u l-ħin meta tirċievi dik it-talba;

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2024 tas-26 ta' Lulju 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1056 billi jistabbilixxi s-sett tad-data komuni tal-eFTI u s-sottosettijiet tad-data tal-eFTI (ĠU L, 2024/2024, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2024/oj).

(d) tivvalida t-tweġiba li tirċievi għal talba li tkun ipproċessat, kif ġej:

(i) meta tirċievi t-tweġiba direttament mingħand il-pjattaforma tal-eFTI, billi tivverifika l-istatus tal-kjavi tas-sigurtà u taċ-ċertifikazzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI, abbażi tar-reġistru msemmi fil-paragrafu 3(e);

(ii) meta tirċievi t-tweġiba mingħand "Gate tal-eFTI riċeventi", billi tivverifika l-kjavi tas-sigurtà ta' dik il-Gate tal-eFTI abbażi tar-reġistru msemmi fil-paragrafu 3(f);

(iii) meta l-validazzjoni tal-kjavi tas-sigurtà tal-Gate tal-eFTI jew tal-pjattaforma tal-eFTI rispettiva tfalli, billi tibgħat messaġġ ta' errur korrispondenti lill-"Gate rikjedenti", lill-AAP jew lill-applikazzjoni tal-utenti tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-talba, kif applikabbli;

(e) tibgħat it-tweġiba li tirċievi għal talba li tkun ipproċessat permezz tal-istess rotta, f'sekwenza inversa, bħat-talba mibgħuta, kif applikabbli:

(i) għall-"Gate rikjedenti tal-eFTI"; jew

(ii) għall-applikazzjoni tal-utenti tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għal dik it-talba, direttament jew tramite l-AAP;

(f) meta tasal konferma tal-wasla tat-talba iżda ma tasal l-ebda tweġiba oħra fi żmien 60 sekonda minn dik il-konferma, tibgħat messaġġ ta' "l-ebda tweġiba" lill-"Gate rikjedenti", lill-AAP jew lill-applikazzjoni tal-utent tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-talba, kif xieraq;

(g) iżżomm rendikont tal-awditjar tat-tweġibiet kollha tat-talbiet għall-aċċess li tkun baqgħtet, billi ddaħħal imqar l-informazzjoni li ġejja:

(i) il-UIL tas-sett tad-*data* tal-eFTI li rċeviet fit-tweġiba għal dik it-talba;

(ii) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI jew tal-"Gate tal-eFTI riċeventi" li mingħandha tkun irċeviet it-tweġiba;

(iii) id-data u l-ħin meta tirċievi dik it-tweġiba;

(iv) meta ma tasal l-ebda tweġiba, indikazzjoni għal dak il-għan;

(h) tarkivja u żżomm disponibbli għal skopijiet ta' awditjar ir-reġistri speċifikati fil-punti (c) u (g), għal perjodu ta' sentejn jew, meta xi dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-disponibbiltà tal-evidenza għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet li għalihom ikun meħtieġ l-aċċess għad-*data* tal-eFTI, ikunu jipprevedu perjodu itwal, għal dak il-perjodu taż-żmien.

3. Biex tkun tista' twettaq il-funzjonalitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Gate tal-eFTI għandha:

(a) tuża mekkaniżmu tat-tiftix, f'konformità mal-Artikolu 8;

(b) tistabbilixxi u żżomm konnessjoni sigura mal-AAPs li tiffaċilita l-aċċess għall-ambjent tal-iskambju tal-eFTI tal-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun stabbilixxa l-Gate rispettiva tal-eFTI;

(c) meta l-AAPs jiġu stabbiliti bħala komponenti integrati għall-Gate tal-eFTI, tistabbilixxi u żżomm konnessjoni sigura mal-applikazzjoni(jiet) tal-utenti, kif applikabbli, tal-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun stabbilixxa l-Gate tal-eFTI rispettiva;

(d) meta l-AAPs jiġu stabbiliti bħala komponenti separati għall-Gate tal-eFTI, tistabbilixxi u żżomm reġistru aġġornat li jkun fih in-numri uniċi tal-identifikazzjoni u ċ-ċertifikati tas-sigurtà ta' dawk l-AAPs;

(e) tistabbilixxi u żżomm konnessjoni sigura mal-Gates tal-eFTI l-oħra kollha, kif ukoll reġistru aġġornat li jkun fih in-numri uniċi tal-identifikazzjoni u ċ-ċertifikati tas-sigurtà ta' dawk il-Gates tal-eFTI;

(f) tistabbilixxi u żżomm konnessjoni sigura mal-pjattaformi kollha tal-eFTI li jkunu rċevew ċertifikazzjoni fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri li jkunu stabbilew il-Gate tal-eFTI rispettiva, kif ukoll reġistru aġġornat li jkun fih in-numri uniċi tal-identifikazzjoni, il-kjavi tas-sigurtà u l-istatus taċ-ċertifikazzjoni ta' dawk il-pjattaformi tal-eFTI;

(g) tkun tista' tuża servizzi jew artefatti definiti b'mod komuni, bħall-konfigurazzjoni, il-kodiċijiet tal-erruri, it-tassonomiji jew il-listi tal-kodiċijiet fl-ambjent tal-iskambju tal-eFTI, meta dawn is-servizzi jew artefatti jiġu maqbula fil-qafas tan-network ta' appoġġ operazzjonali msemmi fl-Artikolu 13.

4. Meta l-ebda korp tal-valutazzjoni tal-konformità ma jkun akkreditat f'xi Stat Membru partikolari biex jiċċertifika l-pjattaformi tal-eFTI f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2020/1056, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-Gate tal-eFTI tiegħu tistabbilixxi u żżomm il-konnessjoni sigura u r-reġistru aġġornat, kif imsemmi fil-paragrafu 3(f), għall-pjattaformi tal-eFTI li jkunu rċevew iċ-ċertifikazzjoni mingħand korpi tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditati fi Stati Membri oħra. Dak l-Istat Membru għandu jagħmel dan meta jintalab mill-operatur ekonomiku jew mill-fornitur tas-servizzi tal-eFTI li jopera dik il-pjattaforma u wara li jkun talab u rċieva konferma mingħand l-Istat Membru tal-għoti taċ-ċertifikazzjoni lill-pjattaforma tal-eFTI, li ma jkun irċieva l-ebda talba oħra ta' konferma għal dik l-istess pjattaforma tal-eFTI mingħand xi Stat Membru ieħor. Dan għandu jeħles lill-Gate tal-eFTI tal-Istat Membru tal-għoti taċ-ċertifikazzjoni lill-pjattaforma tal-eFTI, mill-obbligu li tistabbilixxi u żżomm konnessjoni sigura ma' dik il-pjattaforma.

Artikolu 7

Applikazzjoni tal-utenti

1. L-applikazzjoni tal-utenti għandha tippermetti lil uffiċjal tal-awtorità kompetenti jinteraġixxi mal-AAP.

2. L-applikazzjoni tal-utenti għandha tipprovdi mqar il-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) tiġġenera t-talbiet tal-aċċess għad-*data* tal-eFTI, abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti, ladarba l-uffiċjal responsabbli jkun ġie identifikat, awtentikat u awtorizzat kif xieraq mill-AAP;

(b) tirċievi u turi lill-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-talba d-*data* korrispondenti tal-eFTI pprovduta mill-pjattaforma/i tal-eFTI rispettivi bħala tweġiba għal dik it-talba jew il-messaġġi ta' "l-ebda tweġiba" jew il-messaġġi ta' errur mibgħuta mill-AAP jew mill-Gate tal-eFTI riċeventi";

(c) tippermetti operazzjonijiet oħra tal-ipproċessar mill-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-talba tad-*data* tal-eFTI riċevuta, f'konformità mad-drittijiet tal-ipproċessar ta' dak l-uffiċjal;

(d) meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli jippermettu, tiġġenera komunikazzjonijiet ta' segwitu, abbażi tal-informazzjoni mogħtija minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti.

3. Biex tippermetti l-funzjonalitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, applikazzjoni tal-utenti għandha mqar:

(a) tipprovdi interfaċċa grafika għall-utenti lill-uffiċjali tal-awtorità kompetenti;

(b) tistabbilixxi u żżomm konnessjoni sigura ma' AAP jew ma' Gate tal-eFTI, kif applikabbli;

(c) għall-ipproċessar tad-*data*, tuża bħala referenza s-subsettijiet tad-data li jikkorrispondu għad-dispożizzjonijiet tal-atti legali tal-Unjoni u nazzjonali, kif stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2024/2024, li fihom għandhom kompetenzi l-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 8

Mekkaniżmu tat-tiftix

1. Il-mekkaniżmu tat-tiftix għandu jkun komponent integrat ġo Gate tal-eFTI li, bħala l-funzjonalità ewlenija tiegħu, għandu jipproċessa l-informazzjoni inkluża fit-talba jew fil-komunikazzjoni ta' segwitu, kif ġej:

(a) mill-UIL tad-*data* tal-eFTI, jikseb l-identifikatur tal-pjattaforma tal-eFTI li taħżen id-*data* tal-eFTI li għaliha tkun saret it-talba tal-aċċess jew il-komunikazzjoni ta' segwitu u, rispettivament, l-identifikatur tal-Gate tal-eFTI li magħha tkun konnessa dik il-pjattaforma;

(b) meta t-talba għall-informazzjoni jkun fiha wieħed jew aktar mill-identifikaturi stabbiliti fl-Artikolu 11(3), ifittex ġor-reġistru tal-identifikaturi għal valur li jaqbel u

(i) jekk tinstab konkordanza, jikseb il-UIL attiv jew is-sett ta' UILs konnessi mal-identifikaturi rispettivi, u jipproċessa l-informazzjoni fil-UILs rispettivi f'konformità mal-punt (a);

(ii) jekk ma tinstab l-ebda konkordanza, jinnotifika lill-Gate tal-eFTI kif xieraq.

2. Biex jippermetti l-funzjonalità msemmija fil-paragrafu 1, il-mekkaniżmu tat-tiftix għandu:

(a) jopera reġistru tal-identifikaturi, f'konformità mal-Artikolu 11;

(b) juża reġistru tal-pubblikaturi tal-metadata tas-servizz (SMP) u lokalizzatur tal-metadata tas-servizz (SML) f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-eDelivery jew ta' servizz tar-reġistru b'kapaċitajiet simili, biex ikunu jistgħu jinstabu l-pjattaformi tal-eFTI, abbażi tal-informazzjoni fit-talba jew fil-komunikazzjoni ta' segwitu.

KAPITOLU III

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

Artikolu 9

Skambju tal-messaġġi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Gates tal-eFTI li jkunu stabbilew, kif ukoll l-AAPs u l-applikazzjonijiet tal-utenti tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, ikunu jikkomunikaw u jistgħu jirċievu komunikazzjoni b'format standardizzat għall-iskambju tal-messaġġi. Il-komunikazzjoni bejn il-Gates tal-eFTI u bejn il-Gates tal-eFTI Gates u l-pjattaformi tal-eFTI għandha ssir bil-format XML.

2. Il-komunikazzjoni kollha bejn il-Gates tal-eFTI għandha ssir bi skambji tal-messaġġi permezz tal-Punti tal-Aċċess għall-eDelivery, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskambju tal-messaġġi tal-eDelivery, u permezz tal-mekkaniżmu tal-iskoperta statika tal-eDelivery.

3. L-iskambju tal-messaġġi permezz tal-Punti tal-Aċċess għall-eDelivery, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskambju tal-messaġġi tal-eDelivery, permezz tal-mekkaniżmu tal-iskoperta dinamika tal-eDelivery, għandu jiġi attivat ukoll għall-komunikazzjoni bejn il-Gates tal-eFTI u l-pjattaformi tal-eFTI.

4. Meta Stat Membru jkun diġà stabbilixxa speċifikazzjonijiet ekwivalenti, definiti fil-livell nazzjonali u siguri għall-iskambju tal-messaġġi għas-servizzi pubbliċi diġitali, dan jista' jiddeċiedi li jippermetti li dik il-komunikazzjoni bejn il-pjattaformi tal-eFTI u l-Gate tal-eFTI stabbilita minn dak l-Istat Membru biex issir ukoll abbażi ta' tali speċifikazzjonijiet ekwivalenti għall-iskambju tal-messaġġi. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-ispeċifikazzjonijiet, dettaljati u aġġornati kif xieraq, ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 10

Ċertifikati tas-sigurtà

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu ċertifikati tas-sigurtà, permezz ta' awtorità taċ-ċertifikati, lill-Punti tal-Aċċess għall-eDelivery integrati fil-Gates tal-eFTI li dawn ikunu stabbilew, u għall-Punti tal-Aċċess għall-eDelivery jew, meta applikabbli, għall-punt tal-aċċess tal-iskambju tal-messaġġi ekwivalenti ta' kull pjattaforma tal-eFTI li tkun irċeviet ċertifikazzjoni mingħand korp tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditat fl-Istat Membru rispettiv tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kjavi privati tas-sigurtà tal-Punt tal-Aċċess għall-eDelivery integrati fil-Gate(s) tal-eFTI jinħażnu b'mod sigur u li ċ-ċertifikati diġitali korrispondenti tagħhom jitwasslu b'mod sigur bejn il-Gates tal-eFTI u bejn Gate tal-eFTI u l-pjattaformi tal-eFTI konnessi ma' dik il-Gate.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw mekkaniżmi siguri biex jirċievu, jirreġistraw, jiksbu u jivvalidaw il-kjavi pubbliċi jew iċ-ċertifikati tas-sigurtà tal-pjattaformi tal-eFTI konnessi mal-Gate tal-eFTI tagħhom. Meta Stat Membru jistabbilixxi reġistru SMP f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet SMP tal-eDelivery, b'mekkaniżmi tas-sigurtà adegwati, jista' jintuża reġistru SMP għal dan il-għan.

Artikolu 11

Reġistru tal-identifikaturi

1. Ir-reġistru tal-identifikaturi msemmi fl-Artikolu 8(2)(a) għandu jippermetti lill-operaturi ekonomiċi biex itellgħu, bil-pjattaforma tal-eFTI, il-UIL ta' sett tad-*data* tal-eFTI flimkien mal-identifikaturi li jippermettu l-kisba unika ta' dak il-UIL, kif elenkat fil-paragrafu 3. Ir-reġistru tal-identifikaturi għandu jippermetti l-upload, l-attivazzjoni, id-diżattivazzjoni, jew it-tħassir tal-UIL ta' sett tad-*data* tal-eFTI u tal-identifikaturi rispettivi.

2. Il-kompożizzjoni tal-UIL għandha tippermetti l-kisba tal-identifikatur tal-Gate tal-eFTI, tal-identifikatur tal-pjattaforma tal-eFTI, u tal-identifikatur uniku tas-sett tad-*data* tal-eFTI li jikkorrispondi għall-informazzjoni regolatorja pprovduta mill-operaturi ekonomiċi fuq il-pjattaforma tal-eFTI rispettiva, meta:

(a) l-identifikatur tal-Gate tal-eFTI għandu jkun magħmul minn identifikatur li jippermetti li l-iskoperta unika tiegħu fl-ambjent tal-eFTI;

(b) l-identifikatur tal-pjattaforma tal-eFTI għandu jkun magħmul minn identifikatur li jippermetti l-iskoperta unika tiegħu fl-ambjent tal-eFTI;

(c) l-identifikazzjoni unika tas-sett tad-*data* tal-eFTI għandha tkun magħmula minn numru uniku bil-format ta' Identifikatur Uniku Universali (UUID) allokat awtomatikament mill-pjattaforma tal-eFTI.

3. L-identifikaturi li jridu jiġu appoġġati mir-reġistru għandhom jikkonsistu minn:

(a) elementi tad-*data* tas-sett tad-data tal-eFTI li jikkorrispondu għall-informazzjoni regolatorja pprovduta mill-operaturi ekonomiċi, kif deskritt fl-Anness, it-Taqsima 2, tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2024, b'dawn in-numri tal-identifikazzjoni li ġejjin:

(i) eFTI39;

(ii) eFTI188;

(iii) eFTI374;

(iv) eFTI378;

(v) eFTI448;

(vi) eFTI581;

(vii) eFTI578;

(viii) eFTI618;

(ix) eFTI620;

(x) eFTI987;

(xi) eFTI1000;

(b) element tad-*data* li jindika jekk oġġetti perikoluży humiex qed jiġu trasportati jew le, li jrid jiġi identifikat bil-karatteristiċi li ġejjin: element tad-*data* bl-ID "eFTI1451"; isem "Oġġetti perikoluży abbord; definizzjoni "L-indikazzjoni ta' jekk l-oġġetti perikoluży hux qed jinġarru jew le skont l-ADR/ADN/RID. "Iva" tfisser li l-oġġetti perikoluży jkunu abbord l-unità tat-trasport, "Le" tfisser li l-oġġetti ttrasportati mhumiex fil-lista tal-ADR/ADN/RID tal-oġġetti perikoluży, jew l-oġġetti perikoluży jkunu eżentati mir-rekwiżiti tal-informazzjoni kif stipulat fl-ADR/ADN/RID 3.5.6, 5.1.5.4.2, 5.4.1, 5.5.2.4.1 jew 5.5.3.7."

4. Ir-reġistru tal-identifikaturi għandu jattiva l-UIL biex mal-upload isir disponibbli għal meta mitlub, u jiddiżattivah malli jsir l-uplaod tal-identifikatur imsemmi fil-paragrafu 3(a)(ii) ta' dan l-Artikolu. Biex ikunu jistgħu jsiru l-kontrolli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, għal kull UIL li għalih l-identifikatur indikat fil-paragrafu 3(a)(vi) ta' dan l-Artikolu jkollu l-valur "3", li jikkorrispondi għat-"trasport bit-triq", ir-reġistru tal-identifikaturi għandu jiddiżattiva l-UILs biss wara l-perjodu taż-żmien imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009. Mad-diżattivazzjoni, ir-reġistru għandu jħassar il-UIL u l-identifikaturi konnessi miegħu.

KAPITOLU IV

MANUTENZJONI U GOVERNANZA

Artikolu 12

Network ta' appoġġ tekniku

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu helpdesks f'żewġ livelli distinti:

(a) helpdesk tal-"livell 1" għandu jkun disponibbli biex jipprovdi appoġġ tekniku lill-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti f'każ ta' kwistjonijiet operazzjonali;

(b) helpdesk tal-"livell 2" għandu jkun disponibbli biex jappoġġa dan li ġej:

(i) lill-helpdesks tal-"livell 1" li jappoġġaw lill-uffiċjali tal-kontroll;

(ii) lill-helpdesks tal-"livell 1" li jistabbilixxu s-sidien tal-pjattaformi tal-eFTI biex jagħtu appoġġ tekniku lill-operaturi ekonomiċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi helpdesk tal-"livell 3" li għandu:

(a) jipprovdi appoġġ tekniku lill-helpdesks tal-"livell 2" biex jissolvew kwistjonijiet operazzjonali marbuta mal-funzjonament tal-ambjent ġenerali tal-iskambju tal-eFTI, inkluż ir-regoli, il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-implimentazzjoni, kif ukoll is-sett u s-subsettijiet tad-*data* komuni tal-eFTI stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni u delegati stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2020/1056;

(b) jaġixxi bħala faċilitatur fi kwistjonijiet operazzjonali li jikkonċernaw lil żewġ Stati Membri jew aktar, u meta jkun hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, inkluż l-interoperabbiltà teknika tal-Gates tal-eFTI u l-komunikazzjoni bejn il-Gates tal-eFTI;

(c) jinteraġixxi mas-servizzi tal-Kummissjoni li jipprovdu software apposta jew speċifikazzjonijiet ta' prodotti użati mill-ambjent tal-iskambju tal-eFTI, bħall-eDelivery.

3. Il-helpdesks tal-"livell 1" u tal-"livell 2" għandhom jikkuntattjaw ukoll lil xulxin biex isolvu kwistjonijiet ta' interess komuni fil-livelli rispettivi tagħhom.

4. Id-disponibbiltà tal-helpdesks għandha tiġi sinkronizzata mal-Unjoni kollha biex ikun żgurat perjodu minimu tad-disponibbiltà komuni tul il-jiem tax-xogħol bejn l-10:00 u l-16:00, Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET/CEST), ħlief fil-btajjel pubbliċi nazzjonali. Fi tmiem il-ġimgħa u fil-btajjel pubbliċi nazzjonali, għandu jkun hemm disponibbli servizz ta' emerġenza, fejn ikun hemm imqar membru wieħed tal-persunal disponibbli bit-telefown f'każ ta' kwistjonijiet urġenti li jaffettwaw serjament il-funzjonament tal-ambjent tal-iskambju tal-eFTI, fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni.

5. Il-helpdesks kollha għandhom jużaw għodod tal-assistenza apposta li jippermettu l-identifikazzjoni unika u s-segwitu ta' kull talba għall-appoġġ tekniku, inkluż meta s-soluzzjoni ta' talba tkun teħtieġ komunikazzjoni bejn il-helpdesks.

6. Il-helpdesks għandhom iżommu rendikont tat-talbiet kollha għall-assistenza u l-kronoloġija tagħhom, u għandhom jiġbru regolarment rapporti dwar l-attivitajiet tagħhom.

7. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-dettalji tal-kuntatt tal-helpdesks tal-"livell 2" rispettivi tagħhom bejniethom u mal-Kummissjoni.

8. Id-data tal-bidu tad-disponibbiltà tal-helpdesks għandha tkun id-data msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056. L-adegwatezza tal-perjodu minimu tad-disponibbiltà komuni tal-helpdesks għandha tiġi vvalutata fi żmien 12-il xahar minn dik id-data.

Artikolu 13

Network ta' appoġġ operazzjonali

1. Għandu jiġi stabbilit grupp ta' ħidma apposta bħala sottogrupp tal-grupp ta' esperti stabbilit skont id-Deċiżjoni C(2018) 5921, b'mandat li jiżgura li l-operazzjonijiet tal-eFTI jsiru bil-livell ta' kwalità meħtieġ.

2. Il-membri tal-grupp ta' ħidma maħtura mill-Istati Membri għandhom jaġixxu wkoll bħala "punti tal-kuntatt nazzjonali tal-eFTI".

3. Il-membri tal-grupp ta' ħidma għandhom jikkooperaw u jiltaqgħu regolarment biex, fost l-oħrajn:

(a) jipprovdu aġġornamenti dwar l-istatus operazzjonali tal-ambjent tal-iskambju tal-eFTI;

(b) jassistu lis-servizzi tal-Kummissjoni fl-isforzi tagħhom biex isolvu kwistjonijiet tekniċi u tal-operat li jirrappurtaw l-Istati Membri jew l-helpdesk tal-"livell 3" u li jkollhom bżonn koordinazzjoni u gwida operazzjonali fil-livell tal-Unjoni;

(c) jassistu lill-Kummissjoni fit-tfassil tad-dokumenti ta' gwida teknika biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn meta jidħol fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN